# Kwadru tas-Santissimu Salvatur



Mario Fenech



L-artist minn Bologna fl-Italja Guido Reni huwa magħruf sew fil-Ġżejjer Maltin għax-xogħol sabiħ li ħareġ mill-pniezel tiegħu.

Għex bejn is-sena 1575 u s-sena 1642. Tħarreġ għand l-artist Calvaert u segwa mil-qrib fix-xogħlijiet tiegħu dawk li kienu l-linji tal-artist Carracci. Aktar tard, meta mbagħad mar jaħdem f'Ruma, huwa beda juża l-metodi interessanti tal-artist Caravaggio. Għaldaqstant r-riżultati tax-xogħlijiet tiegħu huma taħlita ta' espressjonijiet artistiċi miġbura flimkien f'armonija sħiħa.



Fil-mużew tal-arti fil-Belt Valletta nsibu wieħed mix-xogħlijiet tiegħu li huwa dak ta' Kristu Salvatur, pittura fuq it-tila mill-isbaħ ta' daqs kbir – 226 ċentimetru b'128 ċentimetru.

Dan il-kwadru nafu li qabel kien fil-Palazz tal-Gran Mastru, illum il-Palazz tal-President, fil-Belt. Ma nafux kif wasal f'Malta iżda, bħal ħafna mill-opri artistiċi kbar li għandna fil-ġżejjer Maltin ta' din l-epoka, x'aktarx li wasal hawn bil-ħidma tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Gwann meta dawn kienu jaħkmu fuq il-Gżejjer Maltin.

F'dan il-kwadru Guido Reni mexa fuq ix-xogħol tal-artist Michelangelo li jinsab fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Minerva f'Ruma. Fit-tila naraw lil Ġesù Salvatur nofsu għeri qiegħed iħaddan is-Salib tal-Fidwa tal-Bniedem.

L-anatomija li biha l-artist pinġa l-figura ta' Ġesù hija waħda meqjusa filwaqt li l-ħarsa fuq il-wiċċ tas-Salvatur hija waħda mill-isbaħ b'serenità u qdusija liema bħala. L-artist permezz tal-ħarsa 'l isfel tas-Salvatur xtaq li jwassal il-messaġġ tal-fidwa tagħna bis-Salib Imqaddes. Il-panneġġi tal-biċċa drapp li qiegħda tgħatti ftit mill-ġisem tas-Salvatur huma mpittra b'mod sabiħ ferm mingħajr mal-għajn li tkun qiegħda tħares lejn dan il-kwadru tintilef fuq dan id-dettall.

Ninnutaw li bħalma kienu jagħmlu diversi artisti oħrajn ta' din l-epoka, Guido Reni għamel użu minn kuluri ċari fuq is-suġġett tal-kwadru biss, filwaqt li fil-kumplament tat-tila huwa għamel użu minn kuluri skuri ħlief għal xi ftit ikħal ċar biex jifred l-art mis-sema. Messaġġ ieħor li jfakkarna li l-Iben t'Alla s-Salvatur tad-Dinja niżel fuq din l-art biex permezz tal-passjoni u l-mewt tiegħu jurina t-triq lejn is-sema.

Huma ħafna dawk il-kwadri li nafu li huma kopji ta' dan ix-xogħol. Dan il-fatt jagħtina x'nifhmu li dan ix-xogħol huwa wieħed importanti ħafna. Wara kollox is-suġġett tiegħu huwa KRISTU SALVATUR.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

DINOS
MOTOR CENTRE
AUTO DEALER • JAPAN IMPORTS • VRT TESTING • VEHICLE PARTS

**Dinos Motor Centre**
Dino's Yard
Mosta Road
Lija BZN 09

dinos@maltanet.net

Tel: 2148 5301

Fax: 2142 4585

